**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 619/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**SIMON CAUCHI**
**(ID: 197180M)**

**Illum, 14 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **SIMON CAUCHI** detentur tal-karta tal-identita` numru: 197180(M) tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-3 ta' Ottubru 2019 ghall-habta ta' 12.45 ta' filghodu gewwa residenza Milestone, Triq is-Sajf ta' San Martin, Rabat, Malta:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' haddiehor, u cioe` hebb kemm

fizikament u kif ukoll permezz ta' oggett iebes ghal martu Sharon Cauchi u kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Ray Borg M.D. (Reg. No: 1716) u kif ukoll minn Dr.Neville Vassallo M.D. (Reg. No: 2500), it-tnejn mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

2. u aktar talli fl-istess dat, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal martu Sharon Cauchi sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor;

3. u aktar talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil martu Sharon Cauchi;

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil martu Sharon Cauchi biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1);

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' Vjolenza Domestika;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sharon Cauchi, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offiza u l-familja taghhom.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novrmbru 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuza bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat, li wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi tatu zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu il-piena erogabbli ghal kull wiehed mir-reati li jinsab mixli bihom;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fis-6 ta' Novembru 2019 ammetta bla rizerva ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi dan huwa kaz ta' vjolenza domestika. Minn dak li gie sottomess waqt it-trattazzjoni, il-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u fil-prezent jghixu separatament stante illi l-imputat hareg mid-dar matrimonjali u sab residenza alternattiva wara l-incident li gie rapportat li sehh fit-3 ta' Ottubru 2019, liema incident jifforma l-mertu *inter alia* tal-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni. Mill-atti esebiti, senjatament ir-*risk assessment* maghmul mid-Domestic Violence Unit fit-3 ta' Ottubru 2019 (Dok. RV5), jirrizulta ulterjorment illi r-riskju ta' hsara ghas-sigurta` tal-parte civile, Sharon Cauchi, huwa wiehed gholi, liema evalwazzjoni jidher li saret b'rabta mal-fatt li hija rrappurtat illi dan kien it-tieni incident fejn effettivament l-imputat refa' idejh fuq l-istess martu f'perijodu ta' hames xhur, kif ukoll fl-isfond ta' xi episodju ta' theddid li gie dirett fil-konfront taghha da parti tal-istess imputat.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni cioe` dik li l-imputat hebb ghal martu Sharon Grixti permezz ta' oggett iebes u b'hekk ikkagunalha griehi ta' natura hafifa, jirrizulta illi effettivament, il-parte civile soffriet tbengil u hmura f'wiccha cioe` f'ghajnejha, fuq mohhha u f'sidirha[1], u mir-rapport tal-istess incident kif ukoll mill-imsemmi *risk assessment*, jidher illi dawn il-feriti jew uhud minnhom gew ikkagunati meta l-imputat taha daqqa fuq rasha b'laptop. Minkejja illi dawn il-feriti saru fuq wicc il-parte civile, iz-zewg certifikati medici jikklassifiaw dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa.

Kwantu mbaghad, ghar-raba' imputazzjoni, il-Qorti tqis illi f'kull kaz, anke minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, mir-rapport bl-evalwazzjoni kondotta mill-Agenzija Appogg, jidher li kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda fejn il-vittma giet imgieghla tibza' minhabba l-imgieba tal-imputat. L-imputazzjonijiet l-ohra kollha huma ta' natura kontravvenzjonali.

[1] Vide zewg certifikati medici Dok. RV3 u RV4.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-kumpilazzjoni, il-fedina penali kompletament netta tal-imputat, ir-rimors evidenti tieghu ghall-azzjonijiet tieghu li taw lok ghal dawn il-proceduri[2], u l-fatt illi l-partijiet illum jinsabu ghaddjjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u ma ghadhomx lanqas jghixu taht l-istess saqaf. Hija hadet qies ukoll tal-fatt illi ghalkemm l-offizi kkagunati lill-parte civile saru permezz ta' oggett ossia arma irregolari, ma hemm xejn li fl-ahhar mill-ahhar jeskludi li l-hmura u tbengil rizultanti jistghu jitqiesu ta' importanza zghira a tenur tal-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma tqisx illi l-piena ta' prigunerija, u il-multa kif kontemplata fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9, ma huma idonei bhala piena f'dan il-kaz. Minflok, hija tal-fehma illi mehud qies ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, ma jkunx spedjenti li twahhal piena lill-imputat izda ghandha minflok taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum.

Inoltre, ghalkemm il-Qorti ma hijiex ser twahhal piena lill-imputat, hija tal-fehma li ghandha f'kull kaz tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Sharon Cauchi. Madanakollu, wara li hadet qies ta' dak li gie rapportat mill-parte civile lill-Agenzija Appogg, ma tqisx li fil-kumpless ta' dak kollu li jirrizulta mill-atti, f'dan il-kaz huwa meritat li jinhareg Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat. Barra minn hekk, hija wkoll tal-fehma illi minhabba l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat, kif ukoll in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 382A(1) tal-Kap. 9[3], id-dispozizzjonijiet tal-istess Artikolu 382A ma jistghux isibu riskontru fil-kaz

---

[2] Ara stqarrija tal-imputat Dok. RV8.
[3] *" .. il-qorti tista', meta tagħti sentenza kontra l-akkużat, flimkien ma' kull piena li tista' tagħti lill-ħati, tagħmel ordni (hawn aktar 'l isfel imsejha "ordni ta' trazzin").*

odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tapplika minflok, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 64(2), 202(h), 214, 215, 221(1), 221(3), 222(1)(a), 251B(1), 339(1)d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil SIMON CAUCHI hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Sharon Grixti, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**